# 121. Toni u Tona

Tona minn dejjem kienet tgħid lil Toni:
“Meta tmut int ma rridx li nibqa’ ħajja!”
U Toni jgħid lin-nies: “Kemm tħobbni Tona!
Miskina trid tmut qabli mhux warajja!”

U darba l-Mewt il-bieb marret tħabbtilhom,
u qalet: “Isa Ton, jien ġejt għalik;
ilbes malajr il-kunfratija bajda,
u ntefa’ fit-tebut ħa nitlaq bik!”

U Toni beża’ biża’ liema bħalu,
u qal lil Tona biex tmur floku hija;
’mma Tona qaltlu tlaqlaq minn ġos-sodda:
“Toni l-mewt ġiet għalik u mhux għalija!”

Ton, ilbes bla dewmien il-kunfratija,
u ntefa’ fit-tebut u mur indifen;
u jalla dawk li jiġu wrajk ikollhom
moħħhom bis-sens u mhux mimli bit-tiben!